# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 30

Data tal-laqgħa: 21 ta' Novembru, 2016

*Il- Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 21 ta' Novembru 2016 fis-6.10p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Viċi Sindku | Mario Gauci (6.55p.m.) |
| Kunsillieri | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| Assenti b'Apoloġiji | Christopher Fenech |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Josmar Camilleri |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.10 p.m. billi ntqalet it-talba.

**30/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsillier Christopher Fenech jinsab indispost.

**30/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 29**

**30/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**30/02/02** **Para 29/04/01:** Il-fondi tal-PPP għadhom ma tħalsux.

**30/02/03** **Para 29/04/02:** Is-*single yellow line* f'parti minn Triq l-Isqof Gargallo għadu ma sarx.

**30/02/04** **Para 29/04/03:** Il-Kunsill għadu ma rċeviex risposta rigward iċ-cnut mal-għelieqi.

**30/02/05** **Para 29/04/04:** Il-laqgħa mal-Accountant tal-Kunsill rigward id-dokumenti li bagħtilna fuq l-issues li ssemmew fil-management letter saret.

**30/02/06** **29/04/05:** Is-Sindku ltaqa' mal-Avukat tal-Kunsill rigward il-kiosks tal-festa imma l-Avukat għadu ma taniex risposta.

**30/02/07** **Para 29/04/07:** Ix-xogħol ta' patching fi Triq Santa Katerina għadu pendenti.

**30/02/08** **Para 29/04/09:** Il-Kunsill ħa jerġa' jfakkar lil kuntrattur sabiex iwaħħal il-bozoz.

**30/02/09** **Para 29/04/13:** Is-Sindku spjega li l-fuljett dalwaqt ikun lest.

**30/02/10** **Para 29/04/14:** Il-Kunsill ħa jerġa' jfakkar lis-Mario Mallia fir-*refreshing* tal-*junction box* fil-Bypass ta' Birguma.

**30/02/11** **Para 29/04/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv għandha titlob stima sabiex jitneħħa l-bajtar tax-xewk mill-passaġġ fi Sqaq il-Ħofra.

**30/02/12** **Para 29/04/18:** Il-*crash barrier* li tlabna lil TM għal Triq Santa Katerina ghadha saritx

**30/02/13** **Para 29/04/19:** Il-yellow line fi Triq Ferdinand k/m Triq il-Ġnien għalissa pendenti.

**30/02/14** **Para 29/04/20:** It-tabelli ta' "No Heavy Vehicles" kif ukoll it-tabella tal-Priority għadhom ma waslux.

**30/02/15** **Para 29/04/21:** It-3 tabelli ta' "No Smoking" saru.

**30/02/16** **Para 29/04/22:** Il-Kunsill bgħat iktar minn reminder wieħed lil TM fuq ir-*resurfacing* ta' parti mit-Triq l-Indipendenza.

**30/02/17** **Para 29/05/01:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rapport fuq il-proposta li l-kamra li tinsab biswit l-iskola Primarja tiġi devoluta ntbagħat.

**30/02/18** **Para 29/05/02:** Il-Kunsill unanimament qabel li japprova lis-Sinjura Mary Elizabeth Azzopardi bħala Uffiċjal Eżekuttiv (back-to-back) part-time. Is-Sinjura Azzopardi għandha tibda fl-1 ta' Diċembru 2016.

**30/02/19** **Para 29/05/05:** It-Tender tal-Knis għandu joħroġ dalwaqt.

**30/02/20** **Para 29/05/07:** Is-Sindku spjega li t-tizjin tal-Milied bid-dawl dekorattiv ħa jkun lest sal-4 ta' Diċembru 2016. Ghandu jigi iffirmat ftehim mas-socjeta filarmonika San Bartilmew li giet inkarigata taghmel dan ix-xoghol.

**30/02/21** **Para 29/05/08:** Fuq il-ħsara tal-Victoria Lines il-Kunsill għandu jkellem lid-Dipartiment tar-Restawr.

**30/02/22** **Para 29/05/09:** Sal-lum il-Kunsill għadu ma rceviex risposta mingħand ta' 'Tree for you' rigward min ħa jieħu ħsieb il-manutenzjoni kif ukoll it-tisqija tas-sigar.

**30/02/23** **Para 29/05/10:** Is-Sindku kellem lill-Perit Chris Grech sabiex issir pjanta ġdida għal ġnien żgħir ħdejn is-Searchlight Battery. Minħabba li żmien limitat jekk ma jkunux ghadhom lesti l-pjanti ta' dan il-gnien propost, isir it-triq fl-istess zona li diga hemm

permess applikat fuqha.

**30/02/24** **Para 29/06/01:** Talba għal mera faċċata ta' St. Mark's House fi Triq San Ġwann. Is-*site-visit* saret u l-Kunsill qabel li l-mera ssir jekk jaqbel is-sid ta' dar ta' faċċata. Fil-każ li jaqbel, il-mera trid tinxtara min minn għamel it-talba.

**30/02/25** **Para 29/06/04:** Kien hemm qbil li fil-ġranet li ġejjin il-*junction box* ta' Triq San Nikola titneħħa filwaqt li titwal il-bankina.

**30/02/26** **Para 29/06/06:** Il-kaxxa safra fi Triq San Ġwann ħdejn l-Sprayer għadha ma tneħħitx.

**30/02/27** **Para 29/06/07:** Il-kunsill għadu ma rċeviex l-istima għal bandiera ta' Ħal Għargħur.

**30/02/28** **Para 29/06/08:** Ir-refreshing tal-markings ta' Triq F. Zarb ħa jsir fil-ġranet li ġejjin.

**30/02/29** **Para 29/06/10:** Il-parking fil-Pjazza k/m Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu għadu ma sarx.

**30/02/30** **Para 29/07/14:** Is-Segretarju Ezekuttiv ser tibgħat ittra lil LESA kif ukoll lill-Ministru tal-Edukazzjoni.

**30/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**30/03/01** Il-Kap tal-Iskola Primarja ta' Hal Għargħur talbet lill-Kunsill sabiex għal Jum il-Premjazzjoni, il-Kunsill jgħin fi xiri ta' kotba. Kien hemm qbil li Kunsill joħroġ €100.

**30/03/02** Is-Sindku preżenta r-rapport li prepara l-Ing. Mario Sammut fuq il-Ġnien ta' Żagħruna.

**30/03/03** Is-Sur Ġiljan Aquilina nforma lill-Kunsill li għall-attività Milied fil-Pjazza ħa jieħdu sehem Tikka Banda (spiża ta' €350); kor ta' Susanne Bonello(spiża ta' €90) u kor ta' Jane Grima(spiża ta' €100).

**30/03/04** Din is-sena waqt l-attività Mixja sal-Għar ser jieħu sehem il-Kor Roberta Zaffarese (spiża ta' €150). Id-dawl u sound ħa jieħdu ħsiebu Transient Ltd.

**30/03/05** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser issir attività Kulturali bl-isem Għana f'Ħal Għargħur b'risq il-*Community Chest Fund*. Il-kant tal-Għana ser jiġi jiswa €87. Din l-attività qed jorganizza s-Sur Christopher Fenech. Kien hemm qbil fuq dan.

**30/03/06** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser issir ħarġa kulturali ġewwa l-Mellieħa fejn fost l-oħrajn ħa jżuru l-mużew ta' tunnara. Kien hemm qbil fuq dan.

**30/03/07** Is-Sur Ġiljan Aquilina nforma lill-Kunsill li l-Bank of Valletta qabel li l-ftehim isir għal 10 snin minflok 5 snin. Il-bieb tal-ATM ħa jiġi jiswa €920.40 u ħa jitħallas 40% *deposit*, 50% *progress payment* u 10% *handling over*. Barra minn hekk għandna napplikaw għad-dawl. Kien hemm qbil unanimu wkoll.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**30/04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**30/04/01** Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**30/05 Ilmenti u Suġġerimenti**

**30/05/01** Is-Sur Mark Azzopardi semma' l-problema li l-bozza ta' fuq tal-master antenna ghadha mitfija. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li master antenna taqa' taħt il-Broadcasting Authority u li huma jafu bil-problema.

**30/05/02** Is-Sur Ġiljan Aquilina talab li tiżdied biċċa bil-fjuri fi Triq Stiefnu Zerafa. Dan ġie approvat.

**30/05/03** Daħal suġġeriment sabiex issir gate ħdejn il-ground tal-football minħabba li qed jipparkjaw il-karozzi u min għandu l-garaxxijiet ma jkunx jista' joħroġ. Il-Kunsill qabel li ghadha isir site visit.

**30/05/04** Is-Sur Ġiljan Aquilina talab li jsir culvert fil-biċċa d-dejqa ta' Sqaq il-Ħofra. Ġie deċiż li nitolbu stima lid-Direttorat tat-toroq.

**30/06 Korrispondenza**

**30/06/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA.

**30/06/02** Il-Kunsill innota ċ-Ċirkulari Numru 35/2016 fuq l-Inizjattiva Finanzjarja – *Stronger Communities: Literacy Projects at Local Level.*

**30/06/03** Il-Kunsill innota ċ-Ċirkulari Numru 38/2016 fuq Fondi Pubbliċi minfuqa għal finanzjament ta' Għaqdiet.

**30/06/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA.

**30/06/05** Il-Kunsill innota ċ-Ċirkulari Numru 37/2016 fuq Meta Kunsill Lokali jonqos milli jwettaq xi funzjoni.

**30/06/06** Ġiet innutata korrispondenza mid-DLG rigward il-fatt li d-Dipartiment ser jibda jnaqqas il-flus dovuti lill-MITA dirett mill-allokazzjoni finanzjarja tal- Kunsill Lokali.

**30/06/07** Il-Kunsill irċieva *quotation* mis-Sur Mario Mallia għat-tabella li tgħid li l-"Klieb għandhom jinżammu biċ-ċinga". Kull tabella tiswa €24.50. Il-Kunsill unanimament qabel li jinxtraw tlett tabelli.

**30/06/08** Il-Kunsill irċieva *quotation* mis-Sur Glen Agius fuq it-tabella li tgħid li l-"Klieb għandhom jinżammu biċ-ċinga". Il-Kunsill irrifjuta din il-*quotation* għax kienet ogħla.

**30/06/09** Ġiet innutata korrispondenza mill-Ing. Reuben Borg rigward il-proposta għal bozza ġdida fi Sqaq il-Ħofra. Ġie unanimament deċiż li għalissa tibqa' pendenti.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**30/06/10** Il-Kunsill innota ċ-Ċirkulari Numru 40/2016 fuq il-Kodiċi ta' Etika.

**30/06/11** Il-Kunsill irċieva l-proposta tal-*Payroll Bureau Services* mingħand id-D-Consulta Ltd. Ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv iġġib żewġ kwotazzjonijiet oħra.

**30/06/12** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA. Ġie deċiż li ssir objection fuq PA/06523/16.

**30/06/13** Il-Kunsill innota korrispondenza fuq *First Aid & Other Health & Safety Courses for the General Public.*

**30/06/14** Il-Kunsill irċieva noti fuq il-*Financial Statements* tal-MAGF.

**30/06/15** Il-Kunsill innota r-Rapport Finanzjarju tal-Majjistral Action Group.

**30/06/16** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA.

**30/06/17** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA.

**30/06/18** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-NAO. Il-Kunsill mhux lest li jħallas is-somma ta' €4300 għal mid-term audit qabel ma nirċievu direzzjoni mid-Dipartiment.

**30/06/19** Is-Superjur tal-Museum Mosta talab permess sabiex nhar l-Erbgħa 21 ta' Diċembru 2016 jagħmlu użu mill-Għar ta' San Brincat. Kien hemm qbil fuq dan.

**30/06/20** Il-Kunsill innota li ser isir taħriġ fuq l-upgrade tal-GeoPortal u eApplications system. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tattendi għal dan it-taħriġ.

**30/06/21** Il-Kunsill qara u approva l-abbozz ta' ittra uffiċjali li prepara l-Avukat tal-Kunsill bħala risposta għal l-ittra legali li rċevejna mingħand GasanMamo Insurance Ltd.

**30/07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**30/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda*. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti.

**30/08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**30/08/01** Il-laqgħa spiċċat fit-7:15p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 21 ta' Diċembru 2016 fis-6:00p. Il-laqgha annwali tal-lokalita' ser isir fl-istess gurnata fis-7.30pm .

| | |
|---|---|
| **Ġiljan Aquilina** | **Maria Tanti** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |